MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 44/2021 LM

**Suman Rai (Detentur tal-Passaport Nepaliż 09494248)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Id-Direttur tad-Dipartiment tal-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u Expatriates**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **Suman Rai (detentur tal-Passaport Nepaliż nru. 09494248)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata']

mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha ċaħad l-appell tiegħu fil-konfront tad-**Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur appellat'] wara li ra d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-A.L. 217.17.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw *Single Permit Application* li kien ressaq l-appellant lid-Direttur appellat *ai termini* tal-L.S. 217.17, liema applikazzjoni kienet ġiet miċħuda minnu kif ikkomunikata lilu fit-23 ta' Settembru, 2020.

**Mertu**

3. Is-soċjetà All Clean Services Ltd istitwiet proċeduri ta' appell quddiem il-Bord fil-konfront tad-deċiżjoni tad-Direttur appellat, u dan permezz tal-ittra tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2020, fejn talbet sabiex jiġi kkonsidrat mill-ġdid ir-rifjut tal-applikazzjoni.

**Id-deċiżjoni appellata**

4. Il-Bord ċaħad l-appell għar-raġunijiet li huwa fisser kif ġej:

*"2. <u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>*

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***<u>Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et</u>*** *(decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board observed that according to Article 25A(7) of the Immigration Act, appeals must be filed within three working days from the date on which the decision being appealed would have been issued. In this case, the appeal was filed outside the applicable time limit.*

*For this reason, the Board shall declare the appeal null and shall refrain from taking further cognisance thereof."*

## <u>L-Appell</u>

5. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-10 ta' Mejju, 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar d-deċiżjoni appellata. Jgħid li jħoss ruħhu aggravat b'dik id-deċiżjoni għaliex: (i) il-Bord kien żbaljat meta qies li l-appell kien wieħed intempestiv; (ii) fil-mertu, ma kienx minnu li l-prinċipal prospettiv tiegħu kien naqas milli jippreżenta d-dokumentazzjoni mitluba.

## <u>Ir-Risposta tal-Appell</u>

6. Id-Direttur appellat wieġeb fit-18 ta' Mejju, 2021 fejn qed isostni li (a) preliminarjament l-appell quddiem il-Bord kien sar mill-prinċipal tal-appellant u

għalhekk *ai termini* tas-subartikolu 20(2) tal-L.S. 217.17 l-appell odjern huwa irritwali; (b) it-tieni aggravju tal-appellant jindirizza reviżjoni tal-provi u l-appell għalhekk huwa rritu u null stante li ma sarx skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217; (ċ) peress li l-Bord ma ddeċidiex dwar il-mertu, it-tieni aggravju għandu jiġi skartat; (d) din il-Qorti hija waħda ta' reviżjoni u għalhekk ġeneralment tordna li l-atti tal-proċeduri għandhom jintbagħtu quddiem il-Bord; (e) fil-mertu, ma tressqet l-ebda prova mill-prinċipal dwar fejn l-appellant kien ser jaħdem, filwaqt li l-Bord sab li ma kienet tressqet l-ebda prova li l-appellant jew il-prinċipal tiegħu kienu ġew notifikati bl-appell fil-5 ta' Ottubru, 2020 u anki bid-deċiżjoni ta' Identity Malta f'dik l-istess data.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Qabel ma tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tqis jekk tiswiex l-ewwel sottomissjoni preliminari li tressqet mid-Direttur appellat, li jekk tiġi milqugħa għandha ġġib fix-xejn l-appell odjern. Id-Direttur appellat jilqa' għall-appell interpost mill-appellant billi qabel xejn jirrileva li l-appell quddiem il-Bord kien sar mill-prinċipal tiegħu u mhux mill-appellant innifsu. Dan filwaqt li skont is-subartiklu 20(2) tal-L.S. 217.17 jipprovdi li *"the third country national shall have the right to appeal to the Board",* u filwaqt li l-ebda dritt ta' appell ma jingħata lill-prinċipal. Għalhekk isostni li l-appell in kwistjoni huwa irritwali.

8. Din il-Qorti taqbel mad-Direttur appellat. Tgħid li ġaladarba l-prinċipal tal-appellant ma kellu l-ebda dritt jappella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta

fir-rigward tas-*Single Permit Application* ippreżentata mill-appellant, il-proċedura li l-imsemmi prinċipal intavola quddiem il-Bord hija nulla u l-Bord qatt ma seta' jieħu konjizzjoni tal-appell kif magħmul mill-prinċipal. Għalhekk l-appellant wisq inqas seta' juża dik il-proċedura u jintavola appell mid-deċiżjoni tal-Bord quddiem din il-Qorti. Il-proċedura li kellha tiġi qabel xejn addottata minnu kienet dik li jipprovdi għaliha s-subartikolu 20(2) tal-L.S. 217.17.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddikjara l-appell irritu u null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**